# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Għaxra (10) ta' Marzu 2020**

**Rikors Numru 994/18 FDP**

Fl-ismijiet

**A Falzon Energy Products Limited**
**(C 51294)**

**Vs**

**Emanuel Baldacchino (ID 503468M) u Rita Baldacchino (ID 81011L) għal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 11 ta' Ottubru 2018, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

    1. *Illi l-intimati huma debituri tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' sebgħa w tletin elf, sebgħa mija w sittin Euro w ċentezmu - €37,760.01 - u dan skond iċ-charter/agreement mehmuż datat 31 ta' Awissu, 2017: Dok. 'EB'.*

    2. *Illi l-ammont hu ċert, likwidu u dovut u r-rikorrenti soċjeta' attriċi tħoss li l-intimati m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu għat-talbiet tiegħu: Dok. 'AF'.*

    3. *Illi għalkemm interpellati kemm il-darba biex iħallsu din is-somma huma mhux biss baqgħu inadempjenti imma qed jaraw kif ser itawwlu u/jew ma jonorawx l-obbligi riżultanti.*

*4. Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mill-liġi sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ a tenur ta' l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta).*

*Għaldaqstant, jgħidu l-konvenuti għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:-*

*Tilqa' t-talba attriċi w tagħti sentenza bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża skond l-artikolu 167 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili - Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Tiddeċiedi u tiddikjara li l-konvenuti għandhom iħallsu s-somma ta' sebgħa w tletin elf, sebgħa mija w sittin Euro u ċenteżmu - €37,760.01- liema obbligu ta' ħlas jirriżulta mill-ftehim datat 31 ta' Awissu, 2017 debitament iffirmat u hawn mehmuż;*

*Tikkundanna l-konvenuti jħallsu l-istess somma ta' sebgħa w tletin elf, sebgħa mija w sittin Euro u ċenteżmu - €37,760.01 - kif debitament redatt u spjegat.*

*Bl-ispejjeż u l-imgħax legali ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-ftehim sad-data tal-pagament effettiv l-inġunzjoni ta' l-istess intimati.*

2. Rat illi fid-29 ta' Marzu 2019, waqt illi l-intimati kienu għadhom mhux notifikati, s-soċjeta' rikorrenti għarrfet lill-Qorti illi l-ammont indikat fil-meritu kien saldat u kien jonqos biss ftehim dwar spejjeż. (fol 14)

3. Rat illi fit-3 ta' Lulju 2019, quddiem dina l-Qorti kif ippresjeduta, dehru l-intimati li ddikjaraw illi s-sorte kien ġie mħallas iżda insistew illi kien attwalment dovut mis-soċjeta' Tenaga Limited, u għalhekk kienu qed joġġezzjonaw għall-ispejjeż tal-kawża.

4. Rat illi fit-3 ta' Lulju 2019, dina l-Qorti akkordat lill-partijiet sal-14 ta' Ottubtu 2019 sabiex jittransiġu l-pendenza ta' bejniethom, u fin-nuqqas tawtorizza lill-intimati jippreżentaw l-eċċezzjonjiet tagħhom.

5. Rat illi fit 28 ta' Ottubru 2019, l-intimati ippreżentaw l-eċċezzjonijet tagħhom fejn qalu s-segwenti:

    1. *ILLI Rita Baldacchino qatt ma kellha x'taqsam ma' din il-kwistjoni, m'hijiex il-leġittimu kuntradittur, ma ffirmat ebda kuntratt f'dan ir-rigward, ma ħallset xejn mis-sorte u m'għandha tbagħti ebda spejjeż fir-rigward tas-sitwazzjoni odjerna;*

    2. *ILLI minkejja l-ħlas tas-sorte ma ġie ffirmat xejn fir-rigward ta' transazzjoni tal-kawża fil-kwistjoni;*

    3. *ILLI s-sorte relatati ma' din il-pendenza tħallsu fl-intier tagħhom di buona volonta mill-kumpannija ta' Emmanuel Baldacchino (senjatement Tenaga Limited) u in ottemperanza mal-invoices maħruġin mill-kumpannija rikorrenti (ara l-invoices eżebiti u mmarkati bħala dok X);*

    4. *ILLI fil-mertu, wara x-xiri tal-prodott fil-kwistjoni, li sar dejjem mill-kumpannija Tenaga Limited, l-istess Emmanuel Baldacchino (benefiċċjarju ta' Tenaga Limited) marad serjament u pprova jirritorna l-prodott għan-nom tal-kumpannija. Ir-*

*rikorrenti m'aċċetatx dan u kkompliet tipprova iġġiegħlu jħallas għalih; Il-prodott kien għadu ġdid fjamant iżda A Falzon Energy Limited ma ħaditx il-prodott lura;*

5. *ILLI fil-frattemp Emmanuel Baldacchino kellu jsiefer biex jieħu trattament għal-marda tiegħu. Waqt li kien msiefer ġiet intavolata din il-kawża;*

6. *Waqt illi kien msiefer u peress illi ma riedx iktar problemi, Emmanuel Baldacchino ġiegħel il-kumpannija Tenaga Limited sabiex tħallas id-dejn fil-kwistjoni u imbagħad skopra b'din il-kawża;*

7. *ILLI hija l-opinjoni umli ta' Emmanuel Baldacchino illi m'għandux ibagħti iktar spejjeż f'dan ir-rigward, speċjalment meta is-sorte gew imħallsin mill-kumpannija tiegħu u għalhekk qiegħed jissottometti dawn l-eċċezzjonijet.*

6. Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2020, xehed Alfred Falzon, rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti, u l-provi ġew lkoll magħluqa.

7. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fl-4 ta' Marzu 2020, wara liema sottomissjonijiet il-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza.

## Fatti

8. Jirriżulta, minn dokumentazzjoni ippreżentata mis-soċjeta' rikorrenti u mhux ikkontestata mill-intimati, illi fil-31 ta' Awissu 2017, sar ftehim bejn is-soċjeta' rikorrenti u Emanuel Baldacchino personalment għall-kiri ta' Generator.

9. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti għamlet il-proċeduri odjerni fil-11 ta' Ottubru 2018 u sar tentattiv ta' notifika lill-intimati fid-19 ta' Ottubru 2018 u fis-26 ta' Ottubru 2018, fejn ma fetaħ ħadd. (fol 8)

10. Jirriżulta, mid-dokumentazzjoni ippreżentata mis-soċjeta' rikorrenti, illi fis-27 ta' Novembru 2018, tħallset l-invoice maħruġa mis-soċjeta' rikorrenti fuq Tenaga Limited datata 19 ta' Diċembru 2017 (fol 19), fid-19 ta' Diċembru 2018 tħallset l-invoice maħruġa mis-soċjeta' rikorrenti fuq Tenaga Limited datata 22 ta' Jannar 2018 (fol 20) l-31 ta' Jannar 2019 u fid 9 ta' Jannar 2019 tħallsset l-invoice maħruġa mis-soċjeta' rikorrenti fuq Tenaga Limited datata 3 ta' April 2018.

11. Jirriżulta, mix-xhieda tar-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti, Anthony Falzon, illi huwa kien beda jiġri għall-pagamenti u dawna ma kinux qed isiru u, mument minnhom, ġie miltub joħroġhom f'isem Tenaga Limted, għalkemm huwa kien għamel il-ftehim ma' Emanuel Baldacchino personalment.

12. Jirriżulta, dejjem mix-xhieda tar-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti, Anthony Falzon, illi l-pagamenti kollha saru wara illi nbdew il-proċeduri odjerni u, huwa jikkontendi, riżultat ta' tali proċeduri.

13. Jirriżulta, finalment, mix-xhieda ta' Anthony Falzon, illi huwa jisħaq li mexxa l-proċeduri odjerni biss wara illi l-pagamenti ma kinux qed isiru kif miftiehem.

## Konsiderazzjonijiet

14. Jirriżulta mhux ikkontestat illi l-pagamenti kollha illi saru lis-soċjeta' rikorrenti saru ferm **wara** illi nbdew il-proċeduri odjerni.

15. Jirriżulta illi, għalkemm il-pagamenti kienu saru minn Tenaga Limited, attwalment il-ftehim kien ma' Emanuel Baldacchino personalment, u għalhekk is-soċjeta' rikorrenti kienet korretta illi tniedi l-proċeduri odjerni kontra Emanuel Baldacchino personalment.

16. Jirriżulta illi l-mara ta' Emanuel Baldacchino, ossija Rita Baldacchino, ma tiffigura mkien fil-ftehim illi s-soċjeta' rikorrenti għamlet ma' Emanuel Baldacchino, u għalhekk qatt ma messha ddaħħlet fil-proċeduri odjerni, u s-soċjeta' rikorrenti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha.

17. Il-Qorti ma għandha ebda dubju illi il-pagamenti magħmula lis-soċjeta' rikorrenti kienu biss riżultat tal-fatt illi s-soċjeta' rikorrenti kienet bdiet il-proċeduri odjerni u l-Qorti tosserva illi l-pagamenti ta' €12,586.67 rispettivament kellhom isiru fit-30 ta' Novembru 2017, 31 ta' Diċembru 2017 u 31 ta' Jannar 2018 – għalhekk, meta s-soċjeta' rikorrenti bdiet il-proċeduri odjerni fil-11 ta' Ottubru 2018, hija kellha kull dritt illi tagħmel tali proċeduri, stante illi l-intimat Emanuel Baldacchino kien naqas milli jonora dak illi huwa kien ftiehem, u ta' dana n-nuqqas huwa għandu jbagħti l-ispejjeż tiegħu.

18. Il-Qorti tosserva, finalment, illi s-soċjeta' rikorrenti qatt ma ppreżentat nota illi biha ċċedi l-pretensjonijet tagħha fuq is-sorte w żżomm ferm il-kap tal-ispejjeż, madanakollu, mill-assjem tal-provi prodotti, jirriżulta ben ċar illi s-sorte tal-proċeduri odjerni tħallas u jonqos biss in litigazzjoni bejn il-partijiet il-kwistjoni ta' l-ispejjeż.

## Konklużjoni

## Il-Qorti

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali,

Wara illi rat illi l-meritu tal-każ ġie riżolt bil-ħlas tas-sorte waqt il-mori tal-proċeduri u fadal biss il-kap tal-ispejjeż,

Wara illi semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet fuq l-ispejjeż,

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi;

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni dwar l-ewwel tlett talbiet, stante illi s-sorte tħallas fil-mori tal-proċess odjern u għalhekk ma hijiex ser tipprovdi dwar imgħax ukoll.

**Tikkundanna** lill-intimat Emanuel Baldacchino iħallas għall-ispejjez kollha tas-soċjeta' rikorrenti A Falzon Energy Products Limited, **<u>għajr</u>** għall-ispejjez ta' Rita Baldacchino, illi għandhom ikunu esklussivament a kariku tas-soċjeta' rikorrenti.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**